HAL BALZAN

L-GHAXAR SENA Nru. 55 — APRIL/ĠUNJU 1981

Editorjal

IL-MARA TAD-DAR

Sewwa ntqal li x-xogħol tal-mara tad-dar huwa l-uniku xogħol li jsir biss għall-imħabba. Għax il-mara ma tagħmlux għall-flus. Tagħmlu għax tħobb lil żewġha u lil uliedha, u għal xejn aktar. ...

Mhux hekk ix-xogħol tar-raġel. Hu ma jaħdimx għax iħobb lis-sid tiegħu jew lill-impjegati l-oħra. Hu jaħdem biex jitħallas. Biex jaqla' l-flus għall-għejxien tiegħu u — jekk jinzerta miżżewweġ — ta' martu w uliedu.

Il-mara tad-dar, għall-kuntrarju, tagħmel xogħolha għall-imħabba biss. Ma tippretendiex flus għaliha. Ma tistenna l-ebda rikompens ħlief l-imħabba ta' dawk li għalihom tkun qed taħdem.

"Taħdem?" jgħidulek xi wħud. "Mela dak xogħol?"

Mela x'inhu? Kemm-il mara tad-dar , fl-istess ġurnata, trid tieħu ħsieb ix-xiri; tara li l-kontijiet jitħallsu; tagħmilha ta' koka, ta' ħajjata, ta' babysitter' jew 'kindergarten assistent', ta' ħassiela, ta' fattiga, eċċ., eċċ., insomma trid tlaħħaq ma' elf ħaġa biex tagħmel id-dar post fejn kull membru tal-familja hu kuntent!

Mhux ta' xejn li meta l-esperti jippruvaw jikkalkolaw is-siegħat ta' xogħol li taħdem mara tad-dar, jispiċċaw b'figuri ta' bejn 60 u 80 siegħa fil-ġimgħa!

Il-mara tad-dar ma titħallasx, ma tingħatax bonus, ma tieħux il-benefiċċju tal-mard, u m'għandhiex vakanzi, l-anqas fil-weekend. M'hemmx unions biex jiġġieldu għall-interessi tagħha. Taħdem sebat ijiem kull ġimgħa u x-xogħol tagħha donnu ma jispiċċa qatt għax hu mqassam matul il-ġurnata kollha.

L-irġiel mhux dejjem jirrealizzawh dan. Kemm-il raġel jiġi lura mix-xogħol isib kollox lest għalih, u qatt ma jgħid kelma ta' apprezzament jew tifħir! Jgħid kemm hu għajjien u qatt ma jgħaddilu minn moħħu li martu forsi kellha ġurnata aktar iebsa minn tiegħu! Jippretendi li martu tieħu interess f'xogħlu iżda qatt ma juri l-iċken interess f'xogħolha! Jilmenta li hi ma tifhimx ħlief fil-ħwejjeġ tad-dar u ma jagħrafx li wara x-xogħol kollu li tagħmel ma tantx jibqagħlha ħin jew enerġija għal interessi oħra!

Iżda ż-żminijiet jitbiddlu, u d-drawwiet ukoll. Illum in-nies, u l-aktar iż-żagħżagħ, huma iżjed konxji ta' ċerti problemi fil-ħajja miżżewġa, problemi bħal dawk li kellha l-koppja miżżewġa fil-film sabiħ "Kramer vs. Kramer".

M'ilux smajna waħda tfajla titkellem dwar ħuha. Id-dar qatt ma kien jagħmel xejn. Deher proprju bħal missieru li, skond dit-tfajla, ma jridx jaf b'dak li jgħidlu 'xogħol tan-nisa' u jaraha biżżejjed jekk darba f'sena jagħmel par xkafef jew jibżogħ xi kamra. Imma issa ħuha miżżewweġ u tgħidx kemm inbidel, għax lil martu sar jgħinha f'kollox. U meta t-tfajla stagħġbet b'dal-kambjament, hu qalilha dal-kliem:


"Illum il-mara u r-raġel indaqs. Barra d-dar marti kapaċi taħdem daqsi, u ġewwa d-dar jiena kapaċi naħdem daqsha. Aħna hekk nemmnu u hekk bi ħsiebna ngħixu. Nixtieqa nkunu viċin xulxin f'kollox. Ma rridux nagħmlu l-iżball ta' dawk il-koppji fejn ir-raġel u l-mara jinqatgħu minn xulxin għax il-mara, trid jew ma tridx, ma jkollhiex ħin ħlief għall-ħwejjeġ tad-dar u tispiċċa tifhem fihom biss."

Dit-tfajla tgħid li trid tiżżewweġ raġel li jaħsibha bħal ħuha. U ma ntuhiex tort.

L-ewwel hames snin:

Kullhadd jitwieled ugwali?

— minn Adrian Camilleri Flores B.A. (Hons.) —



Is-sena l-oħra fil-gazzetta Ingliża, "The Daily Telegraph" (12.5.80), dehret ittra miktuba minn ċerta Mrs. Anne Stavely li kienet tassew provokanti. Il-kittieba ħaditha qatta bla ħabel kontra l-"gidba faħxija", kif sejħitilha, ta' l-ugwaljanza. Skond hi, did-"duttrina qarrieqa" tħassar il-karattru taż-żgħażagħ u tneħħilhom kull sens ta' moralità u responsabbiltà. U spiċċat l-ittra billi qalet hekk: **"Lit-tfal għandna ngħidulhom il-verità: li l-ugwaljanza hija ħrafa għax in-nies ma jitweldux ugwali. Hemm min jitwieled għaref u min jitwieled injorant, min jitwieled sod u min jitwieled dgħajjef, min jitwieled b'talenti kbar u min jitwieled tajjeb għal kważi xejn. Jekk nifhmu dil-verità, ikollna soċjetà stabbli u ġusta fejn min hu kapaċi jilħaq u min mhux kapaċi jagħraf u jaċċetta d-destin inferjuri tiegħu."**

Nies bħal Mrs. Stavely issibhom f'Malta wkoll. Anke fl-istampa lokali xi kull tant żmien jidhru ittri u artikli li jattakkaw l-idea li kulħadd jitwieled ugwali. Ħa nimmaġinaw x'argumenti jista' jġib wieħed minn dawn it-talin biex jiddefendi t-teżi tiegħu.

Jista' jgħid hekk: "Ħares madwarek, jekk m'intiex agħma, u malajr tara kemm in-nies ħuma ugwali. Pietru avukat u membru tal-Parlament: Wenzu jaħdem f'barriera. Ġorġ professur tal-matematika fl-Università: Ġanni jiknes it-toroq. Robert manager ta' fabbrika li timpjega elf ħaddiem: Fredu biċċa ta' skrivan f'uffiċċju tal-Gvern. Tony japprezza s-sinfoniji ta' Beethoven u jaqra l-aqwa kapulavuri tal-letteratura dinjija: Leli jiġġennen wara d-diski ta' Paul Anka u ilu ma imiss ktieb minn mindu ħalla l-iskola. Imbagħad tiġi tgħidli li dawn kollha twieldu bl-istess intelliġenza u kapaċitajiet! Mela qed tgħix fil-qamar?

"U ġġiblix l-iskuża li min irnexxa irnexxa għax kellu missieru sinjur? Missier Pietru kien skarpan fqir u xorta waħda Pietru spiċċa avukat u deputat parlamentari. U ngħidlek ħaġ' oħra. Bil-Malti għandna qawl: 'Il-ġurnata minn fil-għodu turik'. Ħamsa u tletin sena ilu, Pietru d-deputat parlamentari, Wenzu l-ħaddiem f'barriera, Ġorġ il-professur tal-matematika, u Ġanni l-kennies kienu kollha jattendu l-istess skola. Pietru u Ġorġ kienu fl-aħjar klassi u fl-eżami kienu dejjem jiġu minn ta' l-ewwel, waqt li Wenzu u Ġanni kienu fi klassi għat-tfal batuti għax imsieken ma kellhomx moħħ għall-iskola. Ma tarax? Impossibbli li dawn twieldu b'kapaċitajiet ugwali."

Lil dan ngħidlu: "Impossibbli xejn. Donnok insejt li meta t-tfal jibdew l-iskola diġa' jkollhom ħames snin. Hemm hu l-iżball tiegħek. Dawk l-ewwel ħames snin huma l-aktar snin importanti fil-ħajja tal-bniedem għax jifformawh għal għomru. Aħna lkoll noħorġu mill-ġuf b'kapaċitajiet ugwali (ħlief dawk l-imsejknin li jitwieldu mentalment inkapaċitati). Iżda ma nibqgħux hekk. Meta twieldu, Pietru, Wenzu, Ġorġ u Ġanni kienu kollha kapaċi jsiru professuri, avukati, managers, deputati parlamentari, eċċ. Ħames snin wara, Pietru u Ġorġ kienu għadhom kapaċi, iżda Wenzu u Ġanni ma kienx."

Għala dan? F'ħarġa oħra naraw għaliex l-ewwel ħames snin ta' ħajjitna huma daqshekk importanti.

KAMPANJA SOSTENITURI

Il-ġejjieni tal-gazzetta "Hal Balzan" jiddependi mill-ġenerosità tiegħek. Jekk tixtieq tkun sostenitur tista' jew tagħti l-offerta tiegħek (£1.00 fis-sena) lil xi membru tal-bord jew tibgħatha flimkien ma' l-isem u l-indirizz tiegħek f'dan l-indirizz: "Hal Balzan", c/o Każin San Gabriel, Hal Balzan.

'HAL BALZAN'
Toħroġ kull tliet xhur mill-
BORD EDITORJALI — 'HAL BALZAN'
c/o Każin tal-Banda "San Gabriel" Hal Balzan.
Stampat fil-Lux Press Hamrun.

X'GARA FOSTNA

JANNAR 1981

Il-jiem tal-Kwaranturi, jiem ta' adorazzjoni solenni, saru fil-Parroċċa bejn il-Ġimgħa 2 u l-Ħadd 4 ta' Jannar. Minn dan ix-xahar, reġgħu bdew il-laqgħat għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma, kif ukoll għall-ġenituri tagħhom. Il-ġenituri tat-tfal li qed iħejju ruħhom biex jirċievu dawn is-sagramenti huma mitlubin biex jagħmlu ħilithom ħalli tant huma, kemm ukoll uliedhom, jattendu għal dawn il-laqgħat.

F'dan ix-xahar tkomplew ukoll il-laqgħat ta' darba fil-ħmistax għall-ommijiet fid-dar 'Ir-Ragħaj Tiegħi' tas-Sorijiet tal-Bon Pastur. Tkomplew ukoll il-lezzjonijiet għal kulħadd kull nhar ta' Ħadd mill-membri tal-Museum fil-Bon Pastur.

FRAR 1981

Fl-10 ta' Frar kienet iċċelebrata l-festa tan-Nawfraġju ta' l-Appostlu Missierna San Pawl, li għalkemm m'għadhiex festa pubblika hemm l-obbligu tas-smigħ tal-quddies. Fi Frar ukoll saru t-tifkiriet tad-dehriet tal-Madonna f'Lourdes.

Nhar it-3 ta' Frar, fl-okkażjoni tal-festa tal-Kandlora, kienu ppreżentati l-oġġetti ta' l-ikel kif ukoll is-somma ta' £M25.20,0 miġburin fi żmien il-Milied, lil Mons. Arċisqof. Dawn ingħataw lill-Istitut ta' San Franġisk ta' Paola, Birkirkara, immexxi mis-sorijiet ta' Ġesù Nazerenu.

MARZU 1981

Nhar l-Erbgħa, 4 ta' Marzu, saret iċ-ċerimonja tat-tqegħid ta' l-irmied fl-okkażjoni ta' Ras ir-Randan. Laqgħa għall-ġenituri tat-tfal li jattendu l-Museum saret fil-Kappella tal-Musuem tas-Subien nhar il-Ġimgħa, 6 tax-xahar.

L-Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan bdew it-Tnejn, 16 ta' Marzu. Dik il-ġimgħa saru l-eżerċizzi tan-nisa fil-għodu, minn Patri Nerik Muscat O.C.D., u l-eżerċizzi għal kulħadd fil-għaxija minn Dun Salv Galea. L-eżerċizzi għaż-żgħażagħ, li din is-sena saru minn Patri Dominic Cachia M.S.S.P., bdew nhar it-Tnejn, 23 ta' Marzu, fil-waqt li kors għall-miżżewġin beda t-Tnejn, 30 mix-xahar; il-predikatur kien il-Kan. Kantur Giuseppe Bonnici. Tul ir-Randan, sar ir-rakkont tal-Passjoni bil-'filmstrip' fil-kunvent tal-Bon Pastur mill-membri tal-Museum.

Il-festa liturġika ta' Marija Annunzjata, Patruna ta' Hal Balzan, saret, bħas-snin l-imgħoddija, nhar il-25 ta' Marzu. Kienet iċċelebrata b'quddiesa fit-8.00 a.m. fil-knisja l-qadima ta' l-Annunzjata, u l-għasar u l-quddiesa kantata fil-Knisja Parrokkjali.

HOLEX DIABETIC PRODUCTS
FOR SUGAR RESTRICTED DIETS
THE NAME YOU CAN TRUST
HOLEX DIABETIC PRODUCTS
Trade Enquiries
Mc ALLEF COMPANY LIMITED
Tel. 26762/28727

L-ISTATUTI U R-REGOLI TAL-FRATELLANZA TA' SAN MIKIEL

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

Fil-ħarġa ta' HAL BALZAN ta' Mejju/Ġunju 1979, (kont ktibt) meta kont qed insemmi dwar l-artal ta' San Mikiel li ma dan l-artal hemm il-Fratellanza ta' San Mikiel. Kont semmejt meta twaqqfet din il-Fratellanza u xi ħaġa żgħira dwarha.(1)

Din id-darba ser inġib eżatt dak li sibt imniżżel fil-ktieb li fih insibu l-Istatuti u r-regoli ta' din il-Fratellanza. Dan qed nagħmlu biex wieħed jeżamina tajjeb il-mod kif kienu jitfasslu l-Istatuti u r-regoli ta' fratellanza ta' mitejn u ħamsin sena ilu.

Qabel ma nibdew naqraw l-Istatuti, insibu din id-dikjarazzjoni: "Kien il-Kappillan ta' Hal Balzan, Dun Ġużepp Salnitro, li kien għamel it-talba tiegħu fil-Kurja ta' l-Isqof ta' Malta biex jiġu approvati l-Istatuti u r-Regoli tal-Fratellanza ta' San Mikiel Arkanġlu. Fit-talba nsibu li din il-Fratellanza kienet ġiet imwaqqfa fil-Parroċċa sa mis-sena 1728. Il-kappillan kien għamel it-talba tiegħu fis-sena 1876 għaliex kien sab li din il-fratellanza, għad li kienet ilha mwaqqfa kważi mija u ħamsin sena, l-Istatuti u r-regoli kienu għadhom mingħajr l-approvazzjoni tal-Isqof. Għalhekk wara t-talba tal-Kappillan Salnitro għall-approvazzjoni mill-Isqof ta' l-Istatuti u tar-Regoli, l-Isqof Monsinjur Carmelo Scicluna ta l-approvazzjoni tiegħu ta' l-Istatuti u tar-Regoli tal-Fratellanza ta' San Mikiel ta' Hal Balzan, nhar il-15 ta' Lulju 1876".(2)

L-ISTATUTI U R-REGOLI

I

Li l-miktubin f'din il-fratellanza, irġiel u nisa, mhux biss għandhom l-obbligu li jxerrdu, iżommu u jkattru d-devozzjoni lejn l-Arkanġlu San Mikiel, iżda wkoll għandhom jieħdu sehem fil-purċissjonijiet koll-ha kif ukoll jassistu għall-funzjonijiet li tagħmel il-fratellanza.

II

Kull min irid jinkiteb f'din il-fratellanza, irid ikun għalaq il-ħmistax-il sena u jrid ikun ta' ħajja eżemplari. Għalhekk ma jistax jinkiteb f'din il-fratellanza min ma jwettaqx l-obbligu tal-Preċett ta' l-Għid, u min mhux qed igħix ħajja tajba jew kien xi darba l-ħabs.

III

Min irid jidħol fil-fratellanza, għandu jmur għand il-Kappillan. Ġimgħa qabel il-professjoni (qabel id-dħul fil-fratellanza), il-Kappillan fil-quddiesa solenni tal-Ħadd, ixandar l-isem ta' min ikun qed jitlob biex jidħol fil-fratellanza. Dak in-nhar tal-professjoni, min ikun ser jidħol fil-fratellanza għandu l-ewwel jitqarben. Wara jinżel għarkobbtejh fuq it-tarġiet ta' l-artal ta' San Mikiel quddiem il-fratelli. Il-Kappillan ibierek il-konfratija (il-libsa, il-muzzetta u ċ-ċinglu). Il-membru l-ġdid jilbes il-konfratija. Il-Kappillan jagħtih is-sinjal tal-paċi u l-fratelli li jkunu preżenti jagħtu lill-fratell il-ġdid huma wkoll is-sinjal tal-paċi. Fl-aħħar jitniżżel isem il-fratell il-ġdid fir-reġistru tal-fratellanza.

IV

Il-konfratija tal-fratellanza ta' San Mikiel għandha tkun tal-għażel bajda u fuqha tintlibes muzzetta ħadra. Hu permess li wieħed mill-fratelli fuq il-muzzetta jilbes medaljun bix-xbiha ta' l-Arkanġlu San Mikiel.

V

Din il-fratellanza għandha l-obbligu li tieħu sehem f'kull purċissjoni li jordna l-Isqof, anke f'post jew raħal ieħor, kif ukoll f'xi purċissjoni li l-Isqof jitlob li ssir fil-parroċċa.

IV

Il-miktubin f'din il-fratellanza huma obbligati li jieħdu sehem fil-funeral ta' kull membru billi jieħdu sehem fl-akkompanjament mill-knisja għad-dar tal-mejjet u mid-dar tal-mejjet għall-knisja. Il-fratelli jimxu wara l-istandard u s-salib tal-fratellanza. Min ma jiħux sehem fil-funeral, għandu jħallas lill-fratellanza tnax-il ħabba. Il-fratellanza tieħu sehem fil-funeral kemm-il darba l-familja tal-mejjet tkun talbet is-sehem tal-kleru tal-parroċċa. Meta l-funeral jasal il-knisja, il-kappillan flimkien mal-fratelli jgħidu taħt l-ilsien il-kurunella ta' l-Erwieħ, li tikkonsisti filli jgħidu Missierna, u għaxar Requiemeterni għar-ruħ tal-mejjet.

VII

Meta jmut xi wieħed jew xi waħda mill-miktubin fil-fratellanza, il-Ħadd ta' fuq il-mewt jew f'jum ieħor meta jiddiċiedi l-kappillan, il-fratelli jinġabru flimkien u jgħidu ħames posti tar-Ružarju u fl-aħħar titkanta l-"Libera me Domine". Għal dik l-okkażjoni jindaqqu l-qniepen, jitqiegħed it-tubru fuq il-qabar tal-mejjet, jitpoġġew erba' xemgħa madwar it-tubru u jinxtegħlu erbgħa oħra fuq l-artal ta' San Mikiel.

Il-fratellanza għandha l-obbligu li tagħmel Quddiesa Kantata b'suffraġju għal kull membru li jmut. Matul l-Ottavarju tal-Mejtin li jsir fix-xahar ta' Novembru, issir Quddiesa Kantata għall-erwieħ ta' dawk li kienu miktubin fil-fratellanza. Lejlet din il-quddiesa, waqt li jitkanta l-Uffiċċju tal-Mejtin, il-fratelli li jkunu preżenti joqogħdu jgħidu r-Rużarju.

Jekk xi ħadd ikun irid jinkiteb fil-punt tal-mewt u jkun irid jiġi akkumpanjat mill-fratelli, allura għandu jħallas tnax-il skud.

VII

Kull min matul ħajtu jkun irid jinkiteb fil-fratellanza, irid iħallas xelin (ħames ċenteżmi) l-ewwel darba u jibqa' jħallas sitt soldi (żewġ ċenteżmi u ħames milleżi) fis-sena.

Jekk wieħed li jinkiteb ikollu aktar minn wieħed u għoxrin sena, allura jkollu jħallas sitt soldi għal kull sena li għandu iżjed.

XI

Min ma jkunx irid joqgħod iħallas kull sena iżda jrid iħallas darba biss, allura għandu jħallas għaxar skudi darba biss.

X

Jekk min ikun miktub fil-fratellanza ma jħallasx għal sentejn, allura jitlef id-dritt ta' l-akkompanjament tal-fratelli fil-funeral tiegħu u l-quddiesa kantata li soltu tagħmel il-fratellanza, kif hemm fin-numri VI u VII, ma ssirlux.

XI

Jekk xi ħadd mill-miktubin fil-fratellanza jibda jgħix ħajja ħażina u skandaluża, jiġi mkeċċi mill-fratellanza.

XII

Il-miktubin kollha fil-fratellanza għandhom igħinu lil xulxin fil-ħtiġijiet kollha, kemm spiritwali u kemm materjali.

XIII

Il-Kappillan għandu jkun ir-Rettur tal-fratellanza. Meta l-Parroċċa tisfa' mingħajr kappillan, jidħol bħala Rettur tal-fratellanza minn ikun Vigarju-Kurat.

Ir-Rettur tal-fratellanza għandu l-obbligu li jagħti l-Indulgenzi lil min ikun qed imut u jkun miktub fil-fratellanza.

XIV

Il-Prokuraturi tal-fratellanza jiġu magħżula kull sentejn. In-nomina jagħmilha l-Kappillan-Rettur u wara jiġu approvati mill-Isqof kif insibu fis-sezzjoni 3, Kap 6 tas-Sinodu Djoċesan dwar il-Fratellanzi.

Il-Prokuraturi ma jistgħu jagħmlu xejn mingħajr il-permess tal-Kappillan, u lanqas ma jistgħu jagħmlu ebda spejjeż mingħajr l-approvazzjoni tiegħu.

XV

Wieħed mill-fratelli jiġi magħżul bħala Assistent Prokuratur. Dan jiġi magħżul għal sentejn mill-Kappillan-Rettur bl-approvazzjoni ta' l-Isqof.

Dan l-imsemmi Prokuratur ikun inkarigat biex jieħu ħsieb id-dħul ta' dawk li jkunu jridu jidħlu fil-Fratellanza, jiġbor il-ħlas ta' kull sena minn għand il-miktubin u għandu jniżżel kollox fil-ktieb li jinżamm għal dan il-għan.

Dan il-Prokuratur għandu wkoll jieħu ħsieb jipprovdi x-xama' għall-purċissjonijiet, kif ukoll ifittex li jsiru s-suffraġi għall-erwieħ tal-miktubin fil-fratellanza. Dan jista' jonfoq għal xi spejjeż li titlob il-fratellanza sa ħames skudi mingħajr ma joqgħod jitlob permess. L-ispejjeż għandhom jiġu mniżżla fir-reġisru tal-Prokuratur prinċipali. Kull sentejn il-Kappillan għandu jippreżenta l-kotba tad-dħul u tal-ħruġ tal-flus tal-Fratellanza lill-Isqof, kif inhu mitlub fis-sezzjoni 2 Kap 14 Nri 11 u 12.

Dan l-Assistent Prokuratur għandu jieħu ħsieb li fil-purċissjonijiet u f'okkażjonijiet oħra li fihom tieħu sehem il-Fratellanza dejjem jinżamm il-bon ordni.

Fl-aħħarnett, biex din il-Fratellanza titmexxa l-istess bħalma jitmexxew iż-żewġ fratellanzi l-oħra li diġa' jeżistu fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal Balzan, nitlob lill-Eċċellenza Tiegħek Reverendissma biex tagħti l-permess li jiġu miktuba l-mejtin f'din il-Fratellanza, biex ikunu jistgħu jirċievu mill-grazzji u privileġġi li hemm annessi ma' din il-Fratellanza. Kull persuna li tkun trid tikteb lill-mejtin tagħha għandha l-obbligu li tħallas tnax-il skud kif hemm fil-Kap VII tar-Regoli u ta' l-Istatuti tal-Fratellanza msemmija.

Fl-aħħar ta' dawn l-Istatuti nsibu dikjarazzjoni ta' l-Isqof li tgħid: "Wara li flejna birreqqa kollha l-Istatuti msemmija, nikkonfermawhom u napprovawhom".

Mogħtija fil-Palazz tagħna Arċiveskovili fil-Belt Valletta 15 ta' Lulju 1876.

+ Carmelus (Scicluna)
Arċisqof ta' Malta(3)

REFERENZI:

1. DIMECH Ġ.: **HAL BALZAN** Nru. 47
2. Lib. 70 — Statuti e Regole della Venda Conf. S. Michele Ark. Parr.
3. Ibid. Cit.

L-IMHABBA

"Inħobbok Ma".
qal it-tifel lill-ommu.
"Iva nħobbok b'qalbi kollha,
għax int kollok tiegħi,
u jien tiegħek."
Iżda "Le" għajjat it-tifel,
meta ommu qaltlu sabiex imur jixtrilha.
"Le, issa le Ma, għax issa irrid nilgħab."
U t-tifel għamel l-imħabba bħall-ħadid,
fil-bidu kien iħobb l-ommu,
bħal meta l-ħadid kien għadu b'saħħtu.
Iżda "Le" għajjat it-tifel
bħal meta l-ħadid jibda jissaddat.
Hekk kif l-imħabba ta' din id-dinja tagħmel,
bħal meta jkollok bieb u jsaddat,
bħal meta jkollok fjura friska, sabiħa
u donna trid tkellmek,
iżda jagħddi ż-żmien u tinxef.
Xi dwejjaq,
u x'monotonija
għaliex l-imħabba
mhux bħad-deheb fin,
għaliex bħas-sadid? ?

Mill-Pinna ta'
John Saliba.

HAL BALZAN FIL-PARLAMENT

Mistoqsija Numru 9569 — (10.12.80)

L-Onor. Pierre Muscat isaqsi lill-Ministru tal-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekomunikazzjonijiet:

Jista' l-Ministru jispjega x'kienet ir-raġuni il-għala applikanti għas-servizz tat-telefon li joqogħdu fil-limiti ta' Hal Balzan, ħdejn l-iskola sekondarja ta' l-Imrieħel, li wħud minnhom ilhom li applikaw sa mill-1976, ma ngħatawx is-servizz, wara li l-persuni ripetutament u anke permezz ta' risposti Parlamentari, infurmawhom li s-servizz jingħata malli estenzjoni tal-5,000 linja fl-Exchange ta' B'Kara jibda jopera?

Tweġiba — (15.12.80)

Jekk l-Onor Membru jagħtini dettalji tal-mistoqsijiet li għalihom qed jirriferixxi, inkun nista' nagħtih tweġiba aħjar.

Mistoqsija Numru 9652 — (30.12.80)

L-Onor. Carm Lino Spiteri isaqsi lill-Ministru tax-Xogħolijiet u Sport: Jista' l-Ministru jgħid jekk tneħħitx il-pompa ta' l-ilma li kien hemm fejn iz-zuntier tal-knisja parrokjali ta' Hal Balzan? Jekk fl-affermattiv, fejn tpoġġiet u meta hu maħsub li terġa' titpoġġa f' postha?

Tweġiba — (19.1.81)

Il-pompa li qed jirreferi għaliha l-Onor. deputat tneħħiet xi 12-il sena ilu. Din il-pompa kienet titħaddem bl-idejn biex jittella' l-ilma mill-ispiera u m'għandha x'taqsam xejn mas-sistema tad-distribuzzjoni ta' l-ilma għax-xorb u għalhekk m'hemmx skop li din terġa' titwaħħal.

Mistoqsija Numru 9653 — (30.12.80)

L-Onor. Carm Lino Spiteri isaqsi lill-Ministru t ax-Xogħlijiet u Sport: Jista' l-Ministru jgħid hemmx il-ħsieb li jitkomplew jinksew bit-tarmac toroq f' Hal-Lija, H'Attard u Hal Balzan, fejn dan ma srx? Jekk fl-affermattiv, meta hemm il-ħsieb li jitkompla x-xogħol?

Tweġiba — (19.1.81)

Kif jaf tajjeb l-Onor Membru, it-toroq prinċipali f'Hal-Lija, H'Attard u Hal-Balzan huma kollha miksija bit-Tarmac. Toroq oħra sekondarji jsiru meta u jekk tinħass il-ħtieġa ta' dan.


Mistoqsija Numru 9944 — (9.2.81)

L-Onor Anne Agius Ferrante issaqsi lill-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti tal-Poplu:

Qiegħed jinħass il-bżonn ta' bank biex iservi lill-pubbliku ta' Hal-Lija, H'Attard u Hal- Balzan. Jista' l-Ministeru tiegħek jagħmel arranġamenti biex jinfetaħ dan il-Bank?

Tweġiba — (16.2.81)

Ix-xogħol ta' tibdil, restawr, u stalazzjoni ta' servizz fil-post fejn se jinfetaħ fergħa ġdida ta' wieħed mill-Banek kummerċjali ġo Hal-Balzan, biex taqdi l-ħtiġijiet bankarji tar-residenti u ażjendi kummerċjali u turistiċi ta' Hal-Balzan, Hal-Lija u H'Attard, beda ftit żmien ilu, kif jindika anki avviż pubblku fl-inħawi. Hu maħsub li din il-Fergħa tkun miftuħa għall-pubbliku din is-sena stess.



MILL-UFFICCJU PARROKKJALI

Twieldu għall-grazzja bil-Magħmudija

Suzanna Bencini, bint Edward A.&C.E. u Nathalie.
Joseph Attard Baldacchino, bin Marcel u Rita.
Kim Darmanin Demajo, bint Norman u Linda.
Nicholas Valenzia, bin Geoffrey LL.D. u Helen.
Angela Parnis, bint John u Carmen.
Ruth Borg, bint Edwin u Anna.
Anabel Cordina, bint Publius u Bernadette.
Alex Falzon, bin Joseph A.&C.E. u Antida.
Sue-Ellen Sciberras, bint Paul u Fiorella.
Mario De Giorgio, bin Charles u Carmen.
Angela Saydon, bint Arthur u Sharon.
Mario Cordina, bin Edwin u Josephine.
John Demanuele, bin Joseph u Monica.
Junelle Galea, bint Godfrey u Mary.
Stuart Charles Caruana, bin Charles u Bernice.

Qaddsu mħabbithom biż-Żwieġ nisrani

Lorry Lia u Antonia Aquilina.
Tony Grech u Dorothy Attard.

Għaddew għall-ħajja ta' dejjem

Stella Giordimaina.
Jack Camilleri.
Giuseppa Rizzo
Joseph Vassallo.
Joseph Coleiro.
Valentino Debono.
Ġorġ Camilleri.
Rita Vassallo.
Joseph Gauci.

SKARPOLI

Għal kull xorta ta' tiswijiet ta' żraben

IRRIKORRU GHAND **SKARPOLI**
TA' TRIQ IL-KBIRA, HAL BALZAN

Minn għandu tieħu xogħol tajjeb. Jibdel platforms u supratakki u jagħmel uċuh ġodda tal-krakar.

Ħinijiet:
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-5.30 p.m. sas-7.00 p.m.
Is-Sibt mit-8.30 a.m. sas-1.00 p.m. u mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m.

SOSTENITURI

Dr. Paul Cassar — 'St. Luke', Triq il-Papa Alessandru VII Balzan
Mr. John J. Cachia B.A. 13 Alley 2 Three Churches Street Balzan
Mr. John Grixti "TENOTE" N/S off Balzan Valley, Balzan

KONTU TAFU LI ....

minn Anthony Fenech

Fix-xahar ta' Settembru 1979, is-Superjur Victor Delicata nħatar bħala Assistent Superjur Ġenerali tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija tal-M.U.S.E.U.M. Min jaf is-Superjur Delicata mill-qrib, iħossu konvint kemm is-Superjur jista' jkun ta' fejda għall-M.U.S.E.U.M. f'din il-kariga. Iżda n-nies ta' Ħal Balzan, li issa ilhom jafuh bħala Superjur minn April tal-1952, ma jistgħux ma jħossux it-telfa tiegħu. Iżda s-Superjur Delicata għadna narawh xi minn daqqiet fostna. Għadu il-Ħadd filgħodu, jagħmel id-dawra mal-konfini tar-raħal sabiex jiġbor it-tfal bil-Van ħalli jeħodhom għall-quddiesa tas-7.30 a.m. fil-Parroċċa ta' Ħal-Balzan. Hawnhekk ta' min isemmi illi kien huwa li beda din is-sistema ta' ġbir ta' tfal mit-trufijiet tar-raħal ta' kull fil-għaxija qabel u wara l-lezzjonijiet tad-Duttrina fil-M.U.S.E.U.M.

Lis-Superjur Delicata nafuh bħala raġel serju ħafna, ta' dixxiplina u ta' ħafna doti sbieħ oħra li kieku kelli nsemmihom żgur li ma kienx jieħu gost. Kont nammirah meta, bħala Viċi-President tal-Kunsill Ċiviku, kien iżomm ħin Ingliż u jsostni li l-laqgħa tiġi mfassla bejn it-tali u t-tali ħin u lanqas minuta żejda; moħħu kien ikun fl-elf u mitt ħaġa li tirrikjedi minnu t-tmexxija tal-qasam, bħala s-Superju tiegħu.

Lilu nafu l-estenzjoni tal-bini tal-Mużew minn żewġ sulari għal tlieta, il-kappella devota għall-attivitajiet, bitħa mdaqqsa, kmamar arjużi u mdawla, sala għal-logħob tat-tfal u ħafna alterazzjonijiet li saru fl-istruttura tal-bini. Għalih il-Mużew ta' Ħal-Balzan kien aktar minn daru stess!

Bi tbatija kbira rnexxielu jiftaħ u jwaqqaf fergħat tal-M.U.S.E.U.M. f'San Ġwann, Burmarrad u l-Mellieħa, li jidhru li issa waqfu fuq saqajhom mhux ħażin!

Lis-Superjur Delicata nistgħu nqisuh Balzani daqsna. Dejjem kont issibu sabiex jaqsam il-ferħ u aktar u aktar (u dan lili laqatni ferm kemm-il darba) l-imrar tal-ħajja meta tarah imur jagħti l-għomor u jipprova jtaffi d-dieqa tat-telfa ta' xi membru għażiż tal-familja.

Jiena ma semmejt xejn fuq il-ġid li għamel fostna s-Superjur Delicata, qatra ilma f' oċejan dan li ktibt; iżda t-tfal u ż-żgħażagħ, ħafna minnhom illum missirijiet, jafu lis-Superjur bħala dak li dejjem ħadem u stinka sabiex huma jieħdu formazzjoni u tagħlim tar-Reliġjon tant meħtieġ sabiex ikunu jistgħu jgħixu ta' Nsara tajba.

Ċerti li l-Balzanin kollha jirringrazzjaw lis-Superjur Victor Delicata talli għamel magħhom u jixtiqulu aktar snin ta' xogħol fejjiedi fl-Amministrazzjoni ta' l-Għaqda li waqqaf il-Fundatur Qaddis u twajjeb Dun Ġorġ Preca (1880-1962) fl-1907.

Għalhekk il-kariga ta' Superjur tal-Qasam XX ta' Ħal-Balzan kienet għal sena sħiħa 'Sede Vacante' bis-Superjur Delicata jmexxi minn wara. Iżda din il-Kariga ma setgħetx ma timteliex. Fl-10 t'Ottubru 1980, is-Superjur Carmel Bezzina ntgħażel bħala s-suċċessur tas-Superjur Victor Delicata, bħala s-Superjur il-ġdid tal-qasam ta' Ħal Balzan.

Is-Superjur Bezzina twieled Ħal Balzan u sa minn żgħoritu kien jiffrekwenta l-M.U.S.E.U.M. ta' Ħal-Balzan. Huwa għalliem tal-Malti u l-Ingliż fl-Iskola Sekondarja tal-Bniet ta' Santa Venera u Membru fil-Bord Editorjali tal-gazzetta ĦAL BALZAN. Huwa studjuż, u t-teżi li għamel fuq il-mibki awtur il-Prof. Pietru Pawl Saydon, sabiex jikseb il-grad tal-M.A., ġie kkonoxxut bħala l-aħjar studju fil-Malti f'dawn l-aħħar sentejn. Huwa membru minn grupp ta' soċi tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija M.U.S.E.U.M. li qed iħejju sabiex it-traduzzjoni tal-Bibbja mill-Prof. Mons. P.P. Saydon tiġi ppublikata kif difatti diġa' sar meta "It-Testment il-Ġdid" ġie mitbugħ mis-Soċi Interni ta' l-istess Soċjetà, fil-Veritas Press, Ħaż-Żabbar,

Jiena fiduċjuż li s-Superjur Bezzina jista' jagħti kontribut bħas-Superjur ta' qablu sabiex il-Qasam ta' Ħal-Balzan jibqa' jserraħ moħħ is-Superjur Ġenerali, inkwantu ta' amministrazzjoni, bħal ma kien għal dawn is-snin kollha. Nistħajjel li l-għażla tas-Superjur Bezzina bħala superjur tikkonferma x-xejra li qed tieħu l-Amministrazzjoni Mużewmina sabiex kemm jista' jkun ħafna mis-Superjuri tal-oqsma tagħha jkunu għalliema li ġew imħarrġa fil-Pedagoġija u l-Metodoloġija sabiex it-tfal fdati f'idejhom jieħdu l-aħjar tagħlim.

Fil-ftit xhur li ilu f'din il-kariga, is-Superjur Bezzina ħaseb li jqassam il-klassijiet tal-qasam tiegħu skond l-etajiet li jikkonformaw ma' dawk ta' tfal li qegħdin fl-iskejjel sewwa primarji kif ukoll sekondarji. Huwa jemmen fil-pedagoġija moderna, tagħlim fuq 'Visual Aids' u stampi u f'atmosfera li għandu jkun hemm fi klassi titgħallem d-Duttrina. Għoġobni ħafna l-"Foljett ta' tagħrif għall- Ġenituri — 1981", li jinkludi Kelmtejn mill-istess Superjur, tagħrif ta' storja fuq is-soċjetà tad-Duttrina Nisranija u l-Qasam XX ta' Ħal-Balzan, Tmexxija u Organizzazzjoni, tagħrif lill-Ġenituri u Ħarsa 'l Quddiem lejn il-ħidmiet ewlienin tal- Qasam tul is-sena 1981 u dħul l-1982. Għadda minn ala widnejja li qed tinżamm il-qasam 'Record Sheet' ta' kull tifel li jattendi d-Duttrina b'tagħrif siewi bħal ngħidu aħna meta t-tifel għamel l-Ewwel Tqarbina, jew ħa l-Griżma ta' l-Isqof u mitt ħaġa oħra ta' ħtieġa li wieħed ikun jaf fuq il-Membri żgħar u żagħażagħ li jattendu d-Duttrina.

Hija x-xewqa tas-superjur il-ġdid li jsir kuntatt mal-Ġenituri biex "il-formazzjoni li l-membri jagħtu lit-tfal ikollha effett akbar u tħalli aktar frott". Għalhekk jixtieq li l-Laqgħat tal-Ġenituri jsiru ta' spiss u li l-ġenituri jattendu meta jiġu mistiedna għall-okkażjonijiet speċjali li jkollu l-Qasam minn żmien għal żmien.

Jalla s-Superjur Bezzina jsib l-għajnuna minn kull settur ta' Ħal-Balzan ħalli jkun jista' jagħti l-aħjar lil uliedna. Nitolbu għalih u għas-soċi kollha li jwarrbu kollox, ħalli wara ġurnata xogħol, jintilfu ma' wliedna ħalli jippreparawhom sabiex isiru "nsara maturi u ċittadini responsabbli u hekk itemmu aħjar id-dmirijiet li l-ħajja, fl-oqsma kollha tagħha, titlob minnhom".

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMHADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OHRA TAL-FOAM
VITAFOAM LIMITED
INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

ROKNA GHAT-TFAL

Tfal għeżież,

Darba waħda, raġel għaref inzerta ħdejn xatt il-baħar, u hemm jilmaħ żagħżugħ b'dgħajsa. Resaq lejh, u wara li tkellmu ftit bejniethom, iż-żagħżugħ stieden lill-għaref jirkeb id-dgħajsa sabiex jieħdu miegħu dawra żgħira fuq il-baħar. Ir-raġel ma qalx le. Meta tbiegħdu ftit mill-art, l-għaref, milqut mis-sempliċità tal-barklor żagħżugħ, staqsieh:

"Inti taf titkellem bil-Latin?"

"Bilkemm naf nitkellem b'ilsien pajjiżi!" wieġeb iż-żagħżugħ.

"Tlift biċċa minn ħajtek, ħabib!" qallu l-għaref. U ssokta: "Imma xi ftit fiżika taf?"

"Anqas naf x'inhi!" tennielu l-ieħor.

"Kemm qed jiddispjaċini għalik... tlift biċċa sewwa minn ħajtek!" qallu b'sogħba l-għaref. "Imma almenu taf matematika?" reġa' staqsieh.

"Lanqas ngħidha ma naf!" tennielu l-ġuvnott.

Għal dal-kliem, l-għaref kemmex xufftejh u:

"Nagħli għalik, ħabib; x'biċċa kbira minn ħajtek tlift!"

Ma laħaqx għadda wisq ħin li l-baħar ma bediex jitqawwa .Ir-riħ beda jonfoħ ġmielu, u għalkemm il-barklor qadef b'saħħtu kollha, il-mewġ qawwi ma ħalliehomx jaslu l-art. Kollu mbażża', iż-żagħżugħ dar lejn ir-raġel għaref u staqsieh:

"Sinjur, inti taf tgħum?"

"Kollox naf... minbarra ngħum!" wieġbu dak.

"Mela nibża' li jien tlift biċċa kbira minn ħajti, u int tliftha kollha."

U hekk kien. Id-dgħajsa ma damitx ma nqalbet, u żżagħżugħ irnexxielu jasal l-art bil-għawm, fil-waqt li l-għaref għereq f'qiegħ ta' baħar.

Tfal żgħeżież, titħassru lill-għaref li bl-għerf kollu tiegħu ma kienx kapaċi jsalva ħajtu. Bħal dan il-bniedem hawn ħafna nies, li jħabirku għal bosta ħwejjeġ u jinsew l-iktr ħaġa importanti — il-ħajja li għad irridu ngħixu wara l-mewt. Fid-dinja hawn ħafna tagħlim importanti, iżda l-aqwa tagħlim huwa dak li jiswielna għall-ħajja ta' dejjem, u l-veru għaref huwa l-bniedem li jgħix tajjeb u jkun dejjem ippreparat għal meta l-Mulej jogħġbu jsejjaħlu.

* * *

Ma kull ħarġa tal-gazzetta tagħna dejjem niftakru fikom it-tfal billi nħejjulkom kompetizzjoni adattata għalikom. Għalhekk anke din id-darba għandna waħda għalikom.

Din id-darba ħsibna li nagħmlulkom 'Anagramma' oħra. Għal dawk li forsi nsew x'inhi anagramma se nerġgħu nfakkrukom id-definizzjoni tagħha. ANAGRAMMA tfisser kelma li minnha stess tista' ssir kelma oħra, jew aħjar fi kliem ieħor tqalleb l-ittri ta' din il-kelma u bihom tifforma kelma oħra. Nagħti eżempju. Ħudu l-kelma feraħ; bl-istess ħames ittri nistgħu nagħmlu: ħafer, aħfer, ferħa. Mela kull ma għandkom tagħmlu hu li toħorġu żewġ kelmiet minn kull waħda minn dawn il-kelmiet: MALTA, ĦATAF, LISTA, TILEF.

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelope magħluq u ndirizzawh lill-Każin San Gabriel, jew impostawh intom stess fil-letter box ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt 30 ta' Mejju.

TURA
DEDICATED
TO PROGRESS
12 HOUR SERVICE
FOR COLOUR FILMS